This article is also available in English (https://www.tvm.com.mt/en/news/free-transport-for-elderly-and-disabled-in-cospicua/)



LOKALI

# Trasport b'xejn għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità Bormliżi

Imtella' Novembru 1, 2017 - Aġġornata 1 Ta' Novembru, 2017 3:39pm
**Rapport:** Keith Demicoli
**Ritratti:** DOI: Omar Camilleri

Anzjani u persuni b'diżabilità li jgħixu Bormla jistgħu jibdew jagħmlu l-qadi li jkollhom fil-lokalità stess b'servizz ta' trasport bla ħlas mogħti mill-Kunsill Lokali għal madwar 17-il siegħa fil-ġimgħa.

It-trasport se jsir b'żewġ vannijiet li jaħdmu bl-elettriku li nxtraw bl-għajnuna ta' fondi mill-Gvern Ċentrali.

Joe Blackman għandu 78 sena u kien l-ewwel anzjan residenti Bormla li żanżan is-servizz ta' trasport bla ħlas f'Bormla u li mis-sena d-dieħla mistenni jinfirex mal-Kottonera kollha. Spjegalna li minħabba li Bormla mibnija b'toroq imtarġa, dan is-servizz hu apprezzat ħafna.

Joe Blackman qal li "l-għoljiet ħa jġiegħluk tagħmel tlajja' u turġien apparti blokki għandek it-taraġ tagħhom, allura inevitabbli dawn l-affarijiet u kellhom isiru bilfors waqt li Bormla qed tixjieħ u din hi xi ħaġa ideali".

Waqt it-tnedija tas-servizz, is-Sindku ta' Bormla Alison Zerafa Civelli qalet li kien f'dan il-kuntest li l-Kunsill Lokali applika għall-fondi mill-Gvern Ċentrali bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea tal-mobilità biex jixtri żewġ vetturi li jaħdmu bl-elettriku għas-somma ta' €72,000 li €60,000 nħarġu mill-Ministeru għat-Trasport. Għall-ewwel das-servizz f'Bormla se jingħata tliet darbiet fil-ġimgħa u jintalab b'telefonata lil kunsill.

Il-Ministru għat-Trasport, Ian Borg qal li b'din l-inizjattiva l-Kunsill qed jibgħat messaġġ ċar lill-kommunità favur it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u t-trażżin tat-tniġġis

fl-arja. Qal li l-mira tal-Gvern li sal-2020 il-vetturi li jaħdmu bl-elettriku jiżdied minn elf għal ħamest elef. Dr Borg semma' l-miżura mħabbra fil-*Budget* biex minn Jannar il-vetturi jaħdmu bl-elettriku u *plug-in hybrid* ikunu eżenti mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u l-liċenzja.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Silvio Parnis qal li dan il-proġett hu eżempju ċar ta' Kunsill li żied mal-flus li rċieva mill-Gvern biex jibda joffri servizz ta' fejda lill-aktar persuni fiżikament vulnerabbli fil-lokalità.




tvm.com.mt